# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Mejju, 2016**

**Talba Nru: 93/2016/VG**

**Perit Charles AZZOPARDI u Perit Dorianne ELLIS**

**Vs**

**Express Logigroup Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-16 ta' Marzu, 2016** u li permezz taghha talbu lis-socjeta intimata thallashom is-somma ta' erbat elef mitejn sebgha u sebghin euro u sittax-il centezmu ta' euro [€4,277.16c] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Illi l-intimat huwa debitur tal-mittenti fl-ammont kumplessiv ta' erba' t'elef, mitejn, sebgha u sebghin Euro u sittax-il centezmu (€4,277.16), rapprezentanti servizzi rezi da parti tal-esponenti. U minkjejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-

> ammont minnu dovut, huwa baqa inadempjenti, u la hallas u wisq anqas ghamel tentattivi sabiex jirissolvi din il-kwistjoni;
>
> Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv".

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata fit-22 ta' Marzu, 2016 u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha lir-rikorrenti, l-Perit Charles Azzopardi jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat ghadu dovut.

Ra d-dikjarazzjoni maghmula mill-Avukat Dr. Matthew Paris li l-ammont indikat fuq il-faccata tat-Talba huwa zbaljat u li l-ammont dovut huwa dak indikat fit-Talba.

Ra li Dr. Matthew Paris ddikjara li r-rikorrenti ma kellhomx provi aktar xi jresqu u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma ta' erbat elef mitejn sebgha u sebghin euro u sittax-il centezmu ta' euro [€4,277.16c] rapprezentanti hlasijiet ghal servizzi rezi minnhom lis-socjeta intimata.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti, il-Perit Charles Azzopardi, kkonferma bil-gurament tieghu llum stess li l-ammont reklamat minnhom ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, is-socjeta intimata giet debitament notifikata fit-22 ta' Marzu, 2016 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnhom ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mis-socjeta intimata.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghhom u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' erbat elef mitejn sebgha u sebghin euro u sittax-il centezmu ta' euro [€4,277.16c] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tat-Talba odjerna u cioe mit-22 ta' Marzu, 2016 sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha huma a kariku tas-socjeta intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**